Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10354 — Macquarie/Beauparc Utilities)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 266/09)

1. Fid-29 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Macquarie European Infratructure Fund 6 ScSP ("MEIF 6", il-Lussemburgu), ġestit minn Macquarie Infrastructure and Real Assets (Europe) Limited ("MIRA", ir-Renju Unit), sussidjarja ta' Macquarie Group Limited ("Macquarie", l-Awstralja),

— Beauparc Utilities Holdings Limited ("Beauparc Utilities", l-Irlanda).

Macquarie takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Beauparc Utilities kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Macquarie: il-forniment ta' servizzi bankarji, finanzjarji, konsultattivi, ta' investiment u ta' ġestjoni tal-fondi globalment,

— Beauparc Utilities: il-ġbir, is-separazzjoni / l-ipproċessar u t-trattament ta' skart mhux perikoluż fl-Irlanda, fir-Renju Unit u fin-Netherlands, u l-ġenerazzjoni / il-bejgħ bl-ingrossa u l-provvista bl-imnut tal-elettriċità u l-provvista bl-imnut tal-gass fl-Irlanda.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10354 — Macquarie/Beauparc Utilities

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË